MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 244/2006

Francis Sydney Ellul Sulivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sesca Investments Ltd.
vs
John Sammut

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent John Sammut li bih espona:

Illi s-socjeta` Sesco Investments Limited kif rapprezentata minn Francis Sydney Ellul Sullivan kienet talbet u ottjeniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid ezekuttiv kontra r-rikorrent, kopja ta' liema mandat ta' qbid gie prezentat mar-rikors u mmarkat bhala Dokument "A".

Illi l-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat ezekuttiv li kienet sehhet fis-27 ta' Jannar, 2006 kienet saret fl-appartament numru 4, f'numru 66, St. Angelo Street, Sliema kif kien

jidher mid-dokument ufficjali li kopja tieghu giet annesa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument “B”.

Illi skond id-dokument ta’ l-ezekuzzjoni (Dok B) kienu gew maqbuda diversi bcejjec ta’ ghamara.

Illi dawn il-bcejjec ta’ ghamara ma kienux proprjeta` tar-rikorrent u tad-debitur John Sammut izda kienu proprjeta` tas-socjeta` Summit Developments Limited li kienet proprjetarja wkoll tal-appartament li fih kienu jinsabu dawk il-bcejjec tal-ghamara u li arredat dan l-istess appartament.

Illi s-socjeta` attrici kienet qedha tinsisti li tezegwixxi l-mandat ta’ qbid fuq imsemmija bcejjec ta’ ghamara anke jekk ir-rikorrent u debitur kien iddikjara lill-Marixxal li kien ezegwixxa l-mandat li dawk il-bcejjec ghamara maqbuda ma kienux tieghu izda kienu jappartjenu “lil post”.  Tali dikjarazzjoni kienet giet registrata bil-kitba u ffirmata mill-istess rikorrent u debitur kif kien jidher minn Dokument B anness mar-rikors.

Illi certament il-ligi ma tippermettix li jinqabdu bis-sahha ta’ Mandat ta’ Qbid ezekuttiv oggetti li ma kienux propejeta` tad-debitur u rikorrent f’dan ir-rikors u ghalhekk l-ezekuzzjoni tal-mandat fil-fattispeci tieghu u fic-cirkostanzi tal-kaz kienet nulla.

Ghalhekk in vista tal-premess u fic-cirkostanzi r-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna t-thassir tal-ezekuzzjoni konsistenti fil-qbid tal-bcejjec ta’ ghamara msemmija fid-dokument ta’ l-ezekuzzjoni li jinsab esebit mar-rikors u mmarkat Dokument B u maghmul fis-27 ta’ Jannar, 2006 in forza l-Mandat ta’ Qbid numru 1720/05TM fl-ismijiet **“Francis Sydney Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sesco Investments Limited versus John Sammut**” u dan a tenur tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` ezekutanti Sesco Investments Limited u b’riserva ghall-jedd tad-danni u imghaxijiet kontra l-istess socjeta` ezekutanti jew kontra l-marixxal skond il-kaz a tenur tal-

Artikolu 282 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat nomine li biha eccepixxa:

Illi l-mandat ta' qbid ezekuttiv mertu ta' dawn il-proceduri kien gie ezegwit fir-residenza tar-rikorrent John Sammut u ghalhekk l-intimat nomine ma kienx seta' ***a priori*** jkun jaf min kien il-proprjetarju tal-oggetti kollha li jinsabu fid-dar residenzjali tar-rikorrent John Sammut.

Illi fi kwalunkwe kaz meta kien qed jigi ezegwit il-mandat ta' qbid mill-marixxall, ir-rikorrent Sammut ma kienx ressaq ebda prova lill-marixxal illi l-oggetti ma kienux tieghu. Fil-fatt din il-prova anqas kienet tressqet mar-rikors tal-24 ta' Marzu 2006, xaharejn wara li kien gie ezegwit il-mandat imsemmi li minnu kien qed jillamenta r-rikorrent.

Illi fic-cirkostanzi l-intimat nomine filwaqt li kien qed jopponi f'dan l-istadju ghat-talba tar-rikorrent kien irriserva li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrent Sammut jipprezenta l-ircevuti tal-akkwist tal-ghamara msemmija kif ordnat minn din il-Qorti bid-digriet tal-10 ta' April, 2006.

Finalment gie sottomess li l-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti proceduri kellhom jigu sopprtati kolha mir-rikorrent Sammut stante li jekk kif kien qed jallega l-oggetti maqbuda ma kienux tieghu dan kien rizultat tal-fatt li hu stess kien naqas milli jressaq lill-Marixxal xi prova ta' min verament, skond hu, kien il-proprjetarju tal-oggetti maqbuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed ir-rikorrent <u>John Sammut</u> li kkonferma l-ezattezza tar-rikors tieghu. Qal li hu ghandu l-intenzjoni li jaghmel hlasijiet ohra u infatti ghandu zbank li qed isir fil-Qorti ta’ xi Lm1,000 u malli jsir l-izbank jgahddi l-flus lill-kontro parti.

In kontro ezami kkonferma li l-oggetti li qabad il-marixxall m’humiex tieghu personali izda tal-kumpanija Summit Development Limited u kienu tal-kumpanija meta dahal fil-***flat***. Qal li hu azzjonista minoritarju fil-kumpanija u ghandu 49% tal-ishma. Il-51% l-ohra huma ta’ Mark Sammut. Kompla jghid li bazikament l-ghamara hija tal-kumpanija waqt li l-hwejjeg huma tieghu. Hu ilu joqghod fil-post ghal xi 12-il sena bejn wiehed u iehor. Hu kien mar joqghod fil-***flat*** temporanjament imbaghad kien hemm is-separazzjoni u baqa’ jghix hemmhekk. Hu ma ghamilx verifiki biex isib dokumenti jew ricevuti li jippruvaw li l-oggetti huma tal-kumpanija.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti tirrileva li r-rikors odjern sar minn John Sammut li jallega li xi oggetti li gew maqbuda in segwitu tal-mandat ma humiex tieghu izda ta’ Summit Developments Limited. Ir-rikors kien missu sar mill-imsemmija Summit Developments Limited u dirett kontra l-partijiet odjerni. Ukoll ir-rikorrent qieghed jilmenta mill-esekuzzjoni fil-fehma tieghu irritwali, u mhux qieghed jallega l-hrug irregolari tal-mandat.

Dan l-artikolu 283A fis-subartikolu (1) jghid hekk:
“Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista’ jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi.”

Ghalhekk l-artikolu 283A jitkellem fuq it-thassir ta’ mandat u mhux qieghed jitkellem dwar ir-revoka tal-ezekuzzjoni ta’ mandat. Dan jirrendi l-procedura adoperata bhala

wahda irritwali u li twassal ghall-liberazzjoni tas-socjeta' **Sesco Investments Limited.**

Izda l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li r-rikorrent ghandu 49% tal-ishma fis-socjeta` li allegatament l-oggetti maqbuda huma taghha. Minn jallega jrid jipprova. Jinghad ukoll li l-oggetti maqbuda inqabdu fir-residenza ta' l-istess rikorrent u mhux f'xi mahzen.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi ghal kaz simili hafna fl-ismijiet **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Pace** deciz minn din il-Qorti diversament presjedua [Imh T Mallia] fit-23 ta' Gunju, 2005 fejn inghad:

Illi din il-Qorti, fil-fatt, tqies li l-procedura adoperata mhix dik idonea. L-artikolu 283A invokat jikontempla talba minn intimat f'mandat esekuttiv biex ihassar il-mandat ghal raguni valida fil-ligi. F'dan il-kaz, ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat, u l-ilment huwa dirett lejn l-esekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu. Jekk, kif qed jigi allegat, gew elevati oggetti li ma jappartjeniex lid-debitur, dan ma jwassalx ghan-nullita' jew ghat-thassir tal-mandat, izda *se mai* ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat *in kwantu* gew elevati l-oggetti *in kwistjoni*. L-interess guridiku biex tigi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'kaz li jigi allegat li oggetti elevati mhumiex tad-debitur izda ta' terzi, il-gurisprudenza trid illi:
(i) il-kawza issir mit-terzi li qed jallega li l-oggetti elevati huma tieghu,
(ii) li l-kawza issir kontra l-kreditur u d-debitur, u
(iii) li l-kawza issir ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat *in kwantu* gew elevati l-oggetti tat-terzi.
(Ara **Formosa vs Grech**, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Mejju, 1979; **Spiteri vs Perry**, decisa min din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u **Tolio vs Komarzynic**, decisa wkoll min din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999).

Il-procedura adoperata mir-rikorrenti hi, ghalhekk, ghal kollox irritwali u t-talba ma tistax tigi kkunsidrata."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara r-rikors odjern irritwali u null, u tillibera lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrent John Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------